# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 5.**
**Citazz. Nru. 2216/00 JRM**

**KEMMUNA LIMITED**

**vs**

**INCOMING TRAVEL BUREAU LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi lukanda li tinsab fuq il-gzira ta' Kemmuna bl-isem ta' "Comino Hotel" u s-socjeta' konvenuta kienet fuq bazi regolari tibghatilha numru ta' persuni sabiex jinghataw is-servizzi normali ta' akkomodazzjoni hemm u dan dejjem bil-ftehim car li s-socjeta' konvenuta kienet sejra thallas hija ghal dawn l-ispejjez;

Illi mill-ammont ta’ flus li hemm dovuti ghal dawn is-servizzi baqa’ bilanc ta’ tlett elef u tmienja u sittin lira maltin (Lm3068) ghal-liema somma s-socjeta’ attrici ghalkemm interpellata baqghet ma hallsetx;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef u tmienja u sittin lira maltin (Lm3068) flimkien mal-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Gunju 2000, data tal-interpellazzjoni ufficjali, bilanc ta’ somma akbar dovuta mis-socjeta’ konvenuta lil dik attrici ta’ servizzi varji rezi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Gunju 2000, l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef u tmienja u sittin lira maltin (LM3068) flimkien mal-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Gunju 2000, data tal-

interpellazzjoni ufficjali, bilanc ta' somma akbar dovuta mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici ta' servizzi varji rezi, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 2000, kontra is-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**12 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar, 2001.**